LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru.16 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Tnejn, 21 ta' Lulju 2008 fis-2.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Camilleri |

**L-Uffiċjali:** Is-Segretarju Eżek. Is-Sur Michael Borg

**Skużati:** Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M
Is-Sinjura Luċia Massa

**Assenti** Dr.Frank Psaila

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport ta' l-Awditur 2007/ 2008
5. Management Letter
6. Rapport Finanzjarju April / Ġunju 2008
7. L-Attivita' ta' Għawdex
8. Ħlasijiet

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

**2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI**

2.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa jekk kienx sar xi progress fuq il-*Bus Shelter* ta' ħdejn tad-'Dinitrol' u biex sakemm isir dan il-*Bus Shelter*, il-*Bus Stop* jerġa' jmur fejn kien qabel.

Is-Sindku wieġeb li biex isir dan il-Bus Shelter hemm proċess twil. Fil-każ daħlu l-awtoritajiet kollha, saħansitra fil-Parlament fejn saret P.Q mill-Onor. Dr. Charles Mangion u wieġeb l-Onor. Prim Ministru. Is-Sindku żied jgħid li uffiċjal tal-ADT għandu jiġi Ħal Luqa għada (It-Tlieta 22 ta' Lulju 2008) biex naraw x'jista' jsir.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku ta resumé tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-21 ta' Lulju 2008 fosthom :

a) ittra mid-DGL dwar seminar għal Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2008 dwar "Tnedija tal-Policy Ġdida dwar Ġemellaġġi".

b) ittra mid-Dipartiment tad-Djar bi tweġiba għall-*Invoice* tal-Kunsill dwar kont pendenti tal-kuntrattur għal xogħol li sar fuq il-proġett ta' Ħal Farruġ. Id-Dipartiment tad-Djar informa lill-Kunsill, li d-Dipartiment ma fadallux fondi u l-ħlas se jsir fis-sena 2009.

*c)* E-mail mill-*iSterling Security* li tipproponi l-installazzjoni ta' *CCTV cameras* fil-parking ta' Malta International Airport fuq talba tas-Sur Mario Cuomo, Head of Security Services tal-MIA. L-installazzjoni ssir bi spejjeż tal-MIA. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

*d)* E-mail mid-DGL li tinforma lill-Kunsill bi tnaqqis ta’ ›139.76 mill- allokazzjoni tal-Kunsill bhala l-ħlas dovut skond il-ftehim mal-Ministeru għall-Investiment u Teknologija ta’ l-Informazzjoni għall-aċċess pubbliku ta’ l-Internet.

LUQA

## 4. RAPPORT TA’ L-AWDITUR 2007/ 2008

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport ta’ l-Awditur 2007/ 2008 li kien fih alterazzjoni waħda mill-*Financial Statements* oriġinali tal-Kunsill. Huwa qal li r-rapport juri bilanċ favorevoli ta’ aktar minn ›117, 000.

## 5. MANAGEMENT LETTER

5.1 Fl-introduzzjoni tiegħu għal dan l-*item,* is-Sindku qal li l-*Management Letter* ta’ din is-sena hija ċertifikat sabiħ għall-Kunsill tal-mod tajjeb li bih huma amministrati l-fondi tal-Kunsill. Dan għaliex, qal is-Sindku, il-‘*Management Letter’* ma tippreżenta l-ebda punt ta’ djufija’ dwar kif il-fondi ġew amministrati.

## 6 RAPPORT FINANZJARJU

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għad-diskussjoni r-Rapport Finanzjarju ta’ kull tliet xhur li juri l-attivita’ finanzjarja tal-Kunsill għall-perjodu ta’ April / Ġunju 2008.

6.2 Wara diskussjoni r-Rapport Finanzjarju ġie approvat unanimament.

## 7. L-ATTIVITA’ TA’ GĦAWDEX

7.1 Il-Viċi Sindku Joseph Scicluna fisser il-programm li ġie mħejji għall-attivita’ li se ssir Għawdex nhar il-Ħamis 7 t’Awissu 2008. Qal li l-*privates* se jitilqu mill-pjazza fis-6.45 am u li l-prezz huwa ta’ ›12. 00 għall- kbar u › 10. 00 għat-tfal. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera u marthom jingħataw biljett mingħajr ħlas.

**8. ĦLASIJIET**

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-21 ta' Lulju 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm *items* oħra x'jiġu diskussi, fis-2.45 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

- Konfermati llum 20 t' Awissu 2008

______________

________________

John Schembri Michael Borg

Sindku

Segretarju Eżekuttiv